# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Arikolu 284, 285, 261(b)(c)(g),**
**263, 267, 279(g), 278, 279, 261(a),**
**262(1)(a), 274(b), 215, 216, 28B,**
**49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali**

## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Supretendent Pierre Calleja**
**Spettur Maria Stella Cutajar**
**V**

**GREZZJU sive HORACE CASSAR**

**Seduta ta' llum, 7 ta' Awissu, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GREZZJU sive HORACE CASSAR** ta' sitta w tletin sena, bin Joseph u Lorenza nee Brincat, imwieled Hal Luqa nhar l-ewwel ta' Awissu, 1962 u residenti 33, Triq il-Biedja, B'Bugia, detentur tal-karta tal-identita numru 507162M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli matul il-perjodu ta' bejn l-erbgha ta'

Novembru, 1998 u l-ghaxra ta' Novembru, 1998, b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. F'Marsaxlokk nhar l-erbgha ta' Novembru, 1998, f'xi hin wara nofsinhar, kkommetta serq ta' basket kontenenti diversi oggetti u flus ammontabbli ghal inqas minn mitt lira maltin minn fuq il-persuna anzjana ta' Goddin Heather ta' nazzjonalita Brittanika, liema serq sar ghad-dannu tal-imsemmija Goddin Heather;

2. F'Bormla, nhar l-ghaxra ta' Novembru, 1998 f'xi hin bejn s-sitta ta' filghodu w s-saghtejn ta' wara nofsinhar ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Morris 1000 bin-numru ta' registrazzjoni KAI 227 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Robert Farrugia miz-Zurrieq;

3. F'Marsaxlokk nhar l-ghaxra ta' Novembru, 1998 f'xi hin wara nofsinhar ikkommetta serq ta' basket kontenenti

diversi oggetti u flus minn fuq il-persuna ta' Irene Pattison, turista Brittanika anzjana ta' erbgha w sebghin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza;

4. Talli fl-istess data fuq imsemmija, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament ikkgauna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Irene Pattison, turista Brittanika anzjana ta' erbgha w sebghin sena, hekk kif ccertifikat Doctor Glorianne Briffa MD fl-isptar San Luqa;

5. Talli huwa kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati tnejn ta' Ottubru, 1996 u tlieta ta' Lulju, 1998 rispettivament; u

6. Talli huwa sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 b'sentenzi tal-Qorti diversament preseduti, li huma datati dsatax ta' Lulju, 1979, tlettax ta' Novembru, 1980, sitta w ghoxrin ta' Jannar, 1981 u erbgha ta' Frar, 1994 rispettivament.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru, 2000 inseriti a fol 332 tal-atti processwali.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi tratta u deciz minn din il-Qorti kif registrat f'verbal tad-disgha w ghoxrin ta' Jannar, 2002 a fol 336 tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lix-xhieda tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodtti jirrizulta li nhar l-ghaxra ta' Novembru, 1998 kienet sehhet snatch and grab fuq persuna ta' nazzjonalita Ingliza bl-isem ta' Irene Pattison waqt li kienet ghaddejja Marsaxlokk u bhala rizultat ta' dan l-incident l-istess persuna sofriet xi feriti.

Minn investigazzjoni ulterjuri li ghamlet il-Pulizija rrizulta li l-malvivent li ghamel dan r-reat kien qed jaghmel uzu minn vettura tal-ghamla Morris 1000 ta' kulur kannella bin-numru ta' registrazzjoni KAI 227.

Il-Pulizija ghalhekk marru fuq sid il-vettura, li rrizulta li hu certu Robert Farrugia miz-Zurrieq, waqt li huwa kien qed jahdem d-dockyard u staqsewh dwar il-vettura tieghu fuq imsemmija. Dan Robert Farrugia kien wiegeb li l-vettura tieghu kien halliha pparkjata barra d-dockyard u ghalhekk spicca ghamel rapport li l-vettura tieghu kienet insterqitlu dakinhar stess.

Illi nhar l-erbgha ta' Novembru, 1998 kienet sehhet *snatch and grab* iehor fuq il-persuna ta' Goddin Heather gewwa Marsaxlokk.

Illi l-Pulizija waslitilha nformazzjoni li l-imputat setgha kien involut f'dawn iz-zewg *snatch and grabs* u ghalhekk il-Pulizija ghajjtitlu d-Depot w investigatu u poggietu f'*line up* sabiex tara jekk dawn iz-zewg vittmi Goddin Heather u Irene Pattison kienux f'posizzjoni li jidentifikaw minn kien aggredihom.

Waqt l-*identification parade* dawn iz-zewg vittmi gharfu w identifikaw lil imputat bhala l-persuna li kienet aggredithom.

L-imputat dakinhar tal-erbatax ta' Novembru, 1998 rrilaxxja stqarrija li giet esibita mis-Supretendent Pierre Calleja bhala dokument PC 2 a fol 53 tal-atti.

Minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta pero l-imputat m'ammettiex l-involviment tieghu dwar xi *snatch and grab*.

Illi l-Pulizija sussegwentement ressqet lil imputat l-Qorti u ressqet lil allegati vittmi jixhdu b'urgenza stante li huma ta' nazzjonalita barranija u kienu ser jitilqu minn Malta fi zmien qasir.

**Irene Pattison xehdet quddiem l-Qorti viva voce nhar l-erbatax ta' Novembru, 1998** fejn spjiegat li ghandha erbgha w sebghin sena u li fl-ghaxra ta' Novembru, 1998 kienet marret ma zewgha William f'Marsaxlokk bil-*bus* u kienu qeghdin jimxu hdejn is-suq. Illi hija nnotat persuna li identifikat b'certezza li kienet l-imputat

wahdu idur b'vettura antika li hatfilha l-basket bl-oggetti ta' go fih li ma kellhomx valur li jeccedi l-hamsin lira sterlina. Rizultat ta' dan hija sofriet *dislocated left shoulder* u xi griehi zghar ta' natura hafifa.

**William Robert Pattison, zewg Irene, wkoll xehed nhar l-erbatax ta' Novembru, 1998** fl-istess seduta, fejn spjiega li nhar l-ghaxra ta' Novembru, 1998 waqt li huwa kien fil-kumpanija ta' martu Irene, jimxi ma gemb l-bahar, giet vettura ma gemb martu u s-sewwieq taghha hataf il-basket li kellha imdendel fuq spallitha. Huwa ra lil mara tieghu zzomm mal-basket sakemm il-vettura saqet u martu waqghet mal-art. Huwa kkonferma li l-valur tal-oggetti fil-basket kien ta' mhux aktar minn erbghin lira sterlina.

**Heather Goddin, l-allegata vittma l-ohra, xehdet** li ghandha hamsa w sittin sena u li dakinhar tal-erbgha ta' Novembru, 1998 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar, hija kienet qed timxi B'Bugia meta f'xi hin waslet ma gemb xi sigar hdejn il-Malta Hydrolics, meta ma kien hemm hadd aktar ma gemba u rat vettura b'sewwieq go fiha jahtfilha l-basket li kellha mdendel fuq spallejha. Hija spjiegat li l-

valur tal-basket bl-oggetti ta' go fih ma kienx jeccedi l-mitejn lira sterlina.

Illi nhar l-erbatax ta' Novembru, 1998 hija attendiet l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal *identification parade* fejn identifikat lil imputat bhala l-persuna li kienet aggredietha u ghal darb'ohra il-Qorti, kkonfermat li kien l-imputat li kien aggrediha. Hija stqarret li kienet certa mill-imputat ghaliex kien biss pied boghod minnha meta hatfilha l-basket.

**Doctor Glorianne Briffa xehdet** w ikkonfermat li l-griehi li sofriet Irene Pattison dwar spallitha kienu ta' natura gravi filwaqt li l-ohrajn kienu ta' natura hafifa. Dan il-fatt anke jirrizulta mir-rapport ta' Doctor Mario Scerri espert nominat mill-Qorti fir-relazzjoni tieghu esibita a fol 121 tal-atti odjerni.

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda ohra bhal ufficjali tal-pulizija sabiex jikkonfermaw r-rapporti ta' Heather Goddin u Irene Pattison w il-manjiera ta' kif saret l-*identification parade* li dwarha ma jidhirx li hemm kontestazzjoni.

Il-Prosekuzzjoni ressqet wkoll lil Chris Carabaott jixhed bhala xhud indipendenti li kkonferma li huwa kien presenti meta Irene Pattison giet aggredita f'Marsaxlokk hdejn s-suq u gharaf lil imputat odjern bhala l-persuna li aggrediha waqt li kien ghaddej wahdu go vettura.

Illi l-Ufficjal Prosekutur Supretendent Pierre Calleja talab li jsiru rogatorji fil-konfront ta' Irene Pattison rigward l-griehi li sofriet.

**Mr. Bayley, kirurgu ortopediku iddikjara bil-gurament tieghu** li huwa kien opera lil Irene Pattison nhar l-ewwel ta' Dicembru, 1998 peress li kienet sofriet "*a complex fracture of the left shoulder*" u giet *discharged* mill-isptar fis-sitta ta' Dicembru, 1998. Illi huwa dam jarha *out patient* sal-erbgha ta' April, 2000 u bhala rizultat ta' dan l-incident llum Irene Pattison ghandha "*limited functions in this shoulder*" u cioe li tista ttellgha idejha sal-livell tad-driegh.

Illi Irene Pattison giet wkoll invistata minn Doctor Hugh Connell li huwa konsulent fil-"*maxxilla -facial surgery*". Huwa sab li kellha "*a displaced fracture of the body of the right lower jaw with a fibrous union or a non union and possible osteomyelitis*". Hija ddahhlet l-isptar fit-tmienja w ghoxrin ta' Frar, 1999 u giet operata fl-ewwel ta' Marzu, 1999. Hija giet *discharged* l-ghada, tnejn ta' Marzu, 1999 wara intervent kirurgiku. Illi fis-sitta ta' Mejju, 1999 huwa sab li l-"*fracture of her jaw had united*" u ghalhekk ma rahiex aktar.

Illi l-Prosekuzzjoni esibit diversi sentenzi li nghataw mill-Qratri nostrana fil-konfront tal-imputat u dawn gew wkoll konfermati fil-konfront tal-identita tal-imputat, u ghalhekk ma hemmx dubbju li s-sitt akkuza ta' recidiva tirrizulta ppruvata sodisfacentement.

Illi l-Prosekuzzjoni esibit wkoll s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar t-tlieta ta' Lulju, 1998 u ohra moghtija nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Ottubru, 1996 erronjament indikata mill-Prosekuzzjoni bhala dik moghtija nhar t-tnejn ta' Ottubru, 1996 in konformita mal-hames akkuza.

Illi minn ezami tas-sentenza moghtija nhar t-tlieta ta' Lulju, 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija v Louis sive Horace Cassar u Brian Muscat, esibita fl-atti a fol 72 markata bhala dokument CSH 4, w kkonfermata fil-konfront tal-imputat permezz tax-xhieda tal-Ispettur David Saliba nhar l-erbgha ta' Novembru, 1999, jirrizulta li l-imputat kien instab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u gie moghti sentenza sospiza ta' prigunerija ta' tnejn u ghoxrin xahar sospizi ghal erbgha snin.

Minn ezami tas-sentenza moghtija nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Ottubru, 1996, fl-ismijiet Il-Pulizija v Louis sive Horace Cassar u Emanuel Pace, l-imputat wkoll kien instab hati mill-Qorti w inghata sentenza ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin.

Minn ezami tal-process pero ma jirrizultax li din s-sentenza allegatament moghtija fil-konfront tal-imputat giet konfermata fil-konfront tieghu.

Minn ezami tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru, 2001 fl-ismijiet Il-

Pulizija v Louis sive Grezzju sive Horace Cassar (li l-partijiet jaqblu li nghatat fil-konfront tal-imputat odjern), jirrizulta li s-sentenzi datati tnejn ta' Ottubru, 1996 u dik moghtija nhar t-tlieta ta' Lulju, 1998 gew trattati u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-hames akkuza.

Dwar il-piena;

L-imputat ressaq diversi xhieda ghad-difiza tieghu dwar x'tip ta' piena din il-Qorti ghandha tapplika fil-konfront tieghu fil-kaz ta' htija.

**Fit-tlieta ta' Ottubru, 2001 xehed Father Alex Cordina** fil-kapacita tieghu ta' Assistent Direttur tal-Caritas f'San Blas. Huwa spjiega li l-imputat kien ghaddej programm ta' rihabilitazzjoni f'San Blas. Fil-fatt fiz-zmien li xehed l-imputat kien ghadu residenti *full time*. Qal li l-imputat ikkopera hafna maghhom u li qatt ma tahom x'inkwiet. Dan ix-xhud qal li jemmen li l-imputat ghandu diversi elementi posittivi u li ghamel kambjament posittiv u definittiv anke mill-att spiritwali.

Mistoqsi jekk fil-passat l-imputat kienx qatt dahal jittanta jaghmel xi kors qabel, dan ix-xhud wiegeb li sa fejn kien jaf hu ghal dawn l-ahhar tmien snin ma jirrizultalux li kien ittanta jaghmel xi kors u lanqas ma jirrizultalu mir-records mizmuma minnu li l-imputat kien registrat maghhom.

Skond dan x-xhud Father Alex Cordina, l-imputat kellu problema akuta ta' droga ghal numru konsiderevoli ta' snin u li l-imputat dahal f'din il-problema minhabba l-kawza li kellu pendenti quddiem il-Qrati u z-zmien li ghamel l-habs.

Fil-fehma tieghu, Father Alex Cordina, bl-esperjenza tieghu ta' Assistant Direttur tal-Caritas u mill-kuntatt regolari li ghandu mal-imputat, jekk l-imputat jintbaghat il-habs huwa jerga jmur lura ghal li kien u jitlef l-kura kollha li ha.  Huwa hu tal-opinjoni li jekk l-imputat jirrintegra ruhu fis-socjeta, ma jkunx hemm problema la ghalih u wisq inqas ghas-socjeta in generali.  Dan qalu minhabba l-agir tieghu gdid ma terzi fil-komunita u mir-relazzjoni li bena mal-familja tieghu, martu w ibnu.

**Karm Borg li hu s-segretarju tal-multi-disciplinary team tal-Caritas, xehed** fejn spjiega li l-imputat beda programm mal-Caritas fit-tmienja ta' Novembru, 2000 u ghamel il-fazijiet kollha tal-kors sakemm spicca fl-erbatax ta' Jannar, 2002 b'mod kontinwu, tant li llum il-gurnata l-imputat beda anke jahdem. Huwa stqarr li l-imputat zamm kuntatt regolari ml-istaff tal-Caritas u fil-fatt esibixxa rapport li jinsab immarkat bhala dokument JB rilaxxjat mill-Head of Security Residential & Re Entry tal-Caritas nhar t-tmintax ta' Jannar 2002 li jghid li l-imputat "*Has gone through the residential phase, semi-residential and is currently in re-entry. He is re integrated well into society and has also managed to find a job. He is dedicated to his job. He is very motivated and dedicated towards his recovery. Horace has a tremendous amount of respect towards his friends, family and the staff and his behaviour and attitude has always been very good. He has shown a great deal of progress throughout his programme. He has always been consistent in his recovery…*"

**Miriam Ciantar Nursing Officer fl-isptar San Luqa xehdet** wkoll li ilha taf lil imputat ghal dawn l-ahhar sittax il-sena u li minnu ghandha tifel ta' erbgha snin. Hija stqarret li fis-sena 1996 l-imputat

kien gie kkundannat sena prigunerija u minn dak iz-zmien 'l quddiem l-imputat baqa sejjer lura tant li anke qabad il-vizzju tad-droga u kellu dipendenza qawwija fuqha li tgerfex.

Wara li l-imputat beda programm u sussegwentement spicca f'San Blas, l-imputat inbidel tant li llum il-gurnata qed jahdem b'mod regolari mad-Devlands Construction bhala bennej u li jekk l-imputat jibqa sejjer kif inhu, bi hsiebhom jizzewwgu.

Fuq domanda tal-avukat difensur kif registrat fil-verbal tal-Qorti nhar d-dsatax ta' Novembru, 2001, kien talab lil Qorti tinnomina Probation Officer sabiex thejji pre sentencing report dwar l-imputat in linea mas-sentenzi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru, 2001 fejn dik il-Qorti kienet innominat lil Probation Officer Mary Grace Vella.

Illi ghalhekk b'digriet taghha tad-dsatax ta' Novembru, 2001 din il-Qorti nnominat lil istess Probation Officer Mary Grace Vella sabiex thejji pre sentencing report dwar l-imputat.

Ili dakinhar stess Mary Grace Vella xehdet w kkonfermat li hija kienet giet nominat mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru, 2001 sabiex tkun il-Probation Officer tal-imputat. Qalet li hija kienet ghamlet kuntatt ma certu Mario Zaffarese li huwa l-*key worker carer* tal-imputat fil-Caritas u maghha kien stqarr li l-imputat kien ghamel progress kbir. Hija esibiet rapport li jinsab inserit fl-atti odjerni a fol 368.

Mary Grace Vella qalet li l-imputat, skond r-rapport li rceviet, ghamel progress kbir kemm fil-konfront tal-poroblema ta' droga kif wkoll f'oqsma differenti bhala ma hija r-relazzjoni tieghu mal-familja. Qalet li l-mara li tghix mal-imputat, certu Mary, toffri hafna *support* u ghajnuna lil imputat u tghid li sar kambjament posittiv fil-manjieri kif wkoll fil-kommunikazzjoni ta' bejniethom minn meta beda jsegwi il-programm. Hija stqarret li kienet tal-fehma li bl-ghajnuna tal-programm, l-imputat kien qed jigu re-abilitat u re-integrat b'success fis-socjeta.

Fis-sebgha ta' Frar, 2002 l-istess Probation Officer esibiet nota ulterjuri dwar l-progress tal-imputat, liema nota hija mmarkata bhala

dokmument MV fl-atti processwali. Hija stqarret li l-imputat ghamel progress kbir, kompla jsegwi il-programm u sahansitra sab impjieg regolari full time mas-socjeta Devlands Construction Limited. Illi l-imputat qieghed ghal qalbu fuq dan x-xoghol, li l-imghallem tieghu huwa konxju tal-passat tal-imputat kif wkoll bl-ezistenza tal-kazijiet li ghandu pendenti l-Qorti.

Illi l-imputat esibixxa kopja ta' sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru, 2001 imsemmija aktar 'l fuq.

Illi minn ezami ta' din s-sentenza jirrizulta li l-imputat kien gie akkuzat b'akkuzi simili bhal dawn odjerni u cioe serq ta' vetturi u ta' snatch & grab fil-perjodu tal-erbatax ta' April 1999, oltre li huwa recidiv u li kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenzi sospizi. F'din is-sentenza l-imputat kien instab hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u dik il-Qorti kienet bidlet s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, fejn il-Qorti tal-Magistrati kienet kkundannatu piena karcerarja oltre li rrendiet is-sentenzi sospizi operattivi u poggiet lil imputat taht ordni ta' supervizzjoni tal-

Probation Officer Mary Grce Vella ghal perjodu ta' tlett snin u dan ghaliex fil-fehma ta' dik il-Qorti l-imputat kien inbidel u kienet konvinta li l-imputat kien irriabilita ruhu, heles mill-vizzju tad-droga u kien tajjeb li jirrintegra ruhu fis-socjeta li taghha jifforma parti.

Dik il-Qorti semghet l-istess xhieda li ressqet d-Difiza f'din il-kawza u cioe lil rappresentant tal-Caritas u lil Probation Officer bid-differenza li sa dakinhar li nghatat s-sentenza fuq imsemmija l-imputat kien ghadu ghaddej bil-programm tal-Caritas, waqt li llum lahaq spicca l-kors kollu, altrimenti s-sitwazzjoni hija simili hafna.

Illi minn dakinhar tas-sentenza 'l hawn, l-imputat iggradwa fil-programm New Hope Programme tal-Caritas nhar l-hamsa ta' Lulju, 2002 kif jirrizulta mid-dokument esibit mid-Difiza nhar s-sittax ta' Lulju, 2002 markat bhala dokument HC inserit fl-atti odjerni.

Illi dan kollu qed jinghad ghaliex il-Qorti trid tara x'hini l-piena idoneja li ghandha tapplika f'dan il-kaz, sabiex izzomm bilanc bejn l-interess tas-socjeta, d-drittijiet tal-vittmi u l-imputat.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull minnn deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna, u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opprotunita u facilita sabiex vittmi tad-droga jfiequ minn dan il-vizzju tant ikrah. Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien qieghed quddiemha, ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min veru wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqlu li jinghata kull cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi l-Prosekuzzjoni donnha implikat li l-piena li ghandha tinghata ghandha sservi ta' deterrent sabiex reati simili ma jigux kommessi u ta' retribuzzjoni sabiex l-imputat jhallas d-danni li kkaguna lil vittmi waqt li d-Difiza sostniet li l-piena qua retribuzzjoni u sussegwenti ta' deterrent ilha li ghamlet zmienha u li l-ghan ewlieni tal-piena ghandha tkun mhux dik retributtiva izda dik restorattiva fejn jekk hu possibbli u sa fejn hu possibli u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ghandu jzir tentattiv sabiex l-imputat jkompli jsegwi t-triq t-tajba, tenut kont c-cirkostanzi kollha tal-kaz u cioe il-progress

kbir ta' riforma li ghamel l-imputat, waqt li l-Qorti tikkompensa lil vittmi fl-ambitu permess mill-ligi.

Illi dwar x'inhu l-iskop ta' punizzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Ivan Gatt** ***deciza nhar l-ewwel ta' Dicembru, 1994*** fejn gie osservat li :

> "*Li storikament l-element tad-deterrent flimkien ma dak tar-retribuzzjoni huma konsiderati fost l-iskopijiet principali tal-piena. Fil-fatt, fis-seklu tmintax, studjuzi famuzi bhal Cesare Beccaria fl-Italja, Jeremy Bentham fl-Ingilterra u PJA Van Feverbath fil-Germanja, tlett esponenti ewlenin tal-iskola klassika fix-xjenza tal-kriminologija, bbazaw t-teorija taghhom ta' delitti u pieni fuq l-kuncett ta' deterrent generali. Kif jillustrhom* ***Johannes Ardenus f'Encyclopedia****:*
>
> *"The central idea was that the threat of punishment should be specified so that in the mind of the potential*

*law breaker the fear of punishment would outright the temptation to commit the crime. The penalty should be fixed by law in proportion to the gravity of the offence "*

*Dawn l-istudjuzi pero rarament ikkonsidraw l-aspett tal-effetti morali tal-ligi kriminali mentri effettivament dan l-aspett huwa wiehed minn dawk l-importanti billi l-ligi kriminali mhux biss skala ta' delitti u pieni u f'sens astratt hija essenzjalment espressjoni tad-disapprovazzjoni tas-socjeta ghal certa imgieba.*

*Fis-seklu li ghadda, pero u fl-ewwel parti ta' dan spikkat l-importanza ta' dak li hu maghruf bhala treatment and rehabilitation ta' min ikun kiser l-ligi. F'dan il-process, sfortunatament kien hemm wkoll min beda jemmen li l-element tad-deterrent huwa ineffikaci anke jekk effettivament ebda sistema legali m'abbandunat l-kuncett tad-deterrent bhala wiehed mill-aspetti inerenti ghal piena fis-sistema penali. Illum specjalment wara s-snin sittin l-interess fl-aspett tal-piena bhala deterrent reggha*

*beda jigi studjat u ricerkat u fil-fatt llum hemm l-iskola noe-klassika fix-xjenza kriminologija li jaghti importanza ghall-aspett tad-deterrent ghalkemm fl-ebda hin ma gie accettat li huwa sewwa li jinghataw sentenzi esemplari li aktar milli jistghu jservu bhala deterrent ghal haddiehor, ghandhom effett li jippunixxu lil hati b'certa severita li taht kull cirkostanza ma tistax hlief tigi konsiderata eccessiva precizament ghax trid sservi ta' ezempju ghal haddiehor.*"

In realta, s-severita tal-piena ghal dak li huwa deterrent, hija espressa fil-misura tal-piena li tistabilixxi l-ligi stess u fejn hemm minimu u massimu, dan qieghed hemm biex il-Qorti tuza u timmizura l-gudizzju taghha tenut kont tal-fatti specie u gravita partikolari tal-kaz, tac-cirkostanzi relattivi ghal hati u ta' fatturi u cirkostanzi ohra li fix-xjenza kriminologika u dik ta' penologija huma accettati bhala li ghandhom jindirizzaw lil Qorti tiddecidi kif ghandha tittratta mal-individwu li jkun instab hati. Il-piena <u>pero m'ghandhix tkun mizurata b'mod li l-hati jhallas b'piena akbar biex isservi ta' ezempju ghal haddiehor.</u>

Il-Qorti ghalhekk trid ssib medium sabiex waqt li taghmel gustizzja mal-imputat tiehu hsieb l-interessi tas-socjeta u ghalhekk kif jghid **Cesare Beccaria** fil-ktieb tieghu ***An Essay on Crimes and Punishments 1992*** - Edition- fol 51***:***

> "*The degree of the punishment and the consequence of a crime ought to be so contrived as to have the greatest possible effect on others with the least possible pain to the delinquent*" u ghalhekk il-piena li ser timponi din il-Qorti fi kliem l-istess awtur **Beccaria** (fol 99) hija "*public, immediate and necessary; the least possible in the case given, proportionate to the crime and determined by the law.*"

Il-Prosekuzzjoni donnha inferiet fit-trattazzjoni orali taghha li l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali tal-imputat li hija kawzi ktieb.

Il-Qorti ghalhekk ezamint l-fedina penali tal-istess imputat esibita mill-Ufficjal Prosekutur s-Supretendent Pierre Calleja nhar s-

sitta ta' Lulju, 2001esibita bhala dokument PC a fol 346 tal-atti orjderni li hija kopja aggornata tal-fedina penali esibita a fol 6 et seq tal-atti.

Minn ezami ta' din il-fedina penali jirrizulta li din tikkonsisti f'disgha faccati kontenenti ghaxar *convictions* kwantu ghal reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, serq, sekwestru ta' persuni kontra l-volunta taghhom u xi konvtravenzjonijiet. Illi l-hajja ta' kriminalita tal-imputat bdiet fis-sena 1978 meta kellu biss sittax il-sena pero kif del resto stqarret Mary Ciantar, l-imputat qabad t-triq l-hazina f'nofs s-snin sebghin meta kien gie mibghut tlett snin prigunerija dwar serq aggravat ghaliex fis-sena 1994 w s-sena 1996 u s-sena 1998 l-imputat instab hati ta' serq fi tlett okkazzjonijiet.

Il-Qrati applikaw fil-konfront tal-imputat kemm prigunerija kif wkoll sentenzi sospizi u *probation orders* biss ricentement u cioe fis-sena 1998.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fuq imsemmija tal-hamsa w ghoxrin ta' Settembru, 2001 moghtija fil-konfront tal-imputat

diga kienet analizzat din il-fedina penali u ghalkemm kienet rinfaccata b'din l-istess fedina penali u b'sentenza ta' prigunerija mill-Qorti tal-Magistrati, dehrilha li kien il-kaz (u dan huwa kaz simili hafna dwar in-natura tal-akkuzi u ghal perjodu meta gew kommessi) li ghandha tapplika supervizzjoni ta' *probation officer* ghaliex hasset li forsi titfacca '*a window of opportunity*' li permezz taghha jkun jista jinkiser ic-cirku ta' kundanni u dan nonostante li l-imputat huwa recidiv u fil-fatt dik il-Qorti ghamlet referenza ghal ktieb ***Principles of Sentencing*** [*Heineman - London - 1979*] ta' **David Thomas** li jghid s-segwenti:

> "*The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle-aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence even if the chance of success one obviously limited… As in the case of the intermediate recidivist*

*there must be some proospect of success, however remote.*"

**L-istess awtur David Thomas** jghid hekk:

"*The probation order is clearly the most important individualised measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders… Probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character.*"

***Il-Qorti rat*** wkoll ***s-sentenzi*** l-ohra moghtija mill-***Qorti Kriminali*** f'kazijiet fejn l-imputat kien akkuzat b'reati serji aktar minn dawn odjerni, u kienet disposta tiehu r-riskju u tpoggi lil imputat taht s-supervizzjoni ta' Ufficjal tal-Probation bhal per ezempju fis-sentenza moghtija nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar, 2001 moghtija mill-Qorti Kriminali ***fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v Raymond Bajjada***. F'dan il-kaz, l-imputat kien gie akkuzat b'reat ta' tentattiv ta' omicidju voluntarju meta l-imputat ammetta l-akkuzi qabel ma gie format il-guri u poggietu taht s-supervizzjoni ta' Probation Officer ghalkemm

ikkundannatu ghal piena karcerarja sospiza, haga li din il-Qorti ma tistax taghmel ghaliex l-imputat huwa recidiv u ghalhekk mhux permess mill-ligi.

***Rat wkoll s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmintax ta' Jannar, 2000*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Farrugia** fejn l-imputat kien akkuzat li kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina u talli kien recidiv. Meta f'dan il-kaz fuq ammissjoni tal-istess imputat, il-Qorti poggiet lil istess George Farrugia taht ordni ta' probation skond l-artikolu 5 tal-Kap 152 ghal perjodu ta' sentejn. Illi f'dan il-kaz l-imputat George Farrugia kellu fedina penali ta' xejn inqas minn tnejn w erbghin faccata b'sebgha w sebghin kundanna mill-Qrati tal-Gustizzja Kriminali u dan nonostante hasset li l-ahjar piena kienet dik ta' *probation order*.

***Rat wkoll s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali*** fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Kevin Sammut omissis** moghtija ***nhar s-sitta ta' Frar, 2001*** fejn l-imputat kien akkuzat b'serq aggravat, sekwestru ta' persuna, feriti ta' natura hfief, hsara voluntarja u

traffikar, recidiva u hawnhekk wkoll il-Qorti dehrilha li kien il-kaz li tapplika *probation order* ghal perjodu ta' tlett snin.

Illi minn ezami tas-suespost jirrizulta li kull kaz ghandu jigi gudikat b'mod separat u distint u ghalhekk il-kwistjoni tal-piena ghandha tithalla biss f'idejn id-diskrezzjoni tal-Qorti ghaliex hi tkun ghexet il-process u ghamlet apprezzament u ezami tax-xhieda u provi prodotti quddiemha.

In linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tal-imputat odjern nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru, 2001, din il-Qorti hija wkoll preparata li tiehu r-riskju li tpoggi lil imputat taht s-supervizzjoni ta' Ufficjal tal-Probation u ghal dan l-ghan qed tinnomina lil istess Probation Officer Mary Grace Vella u dan ghal perjodu massimu ta' tlett snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 5b tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht s-segwenti kundizzjonijiet:

1. li l-imputat probationer Grezzju sive Horace Cassar jsegwi u jobdi d-direttivi kollha li jinghata mill-Probation Officer Mary Grace Vella;

2. li l-imputat probationer Grezzju sive Horace Cassar jidher flimkien mal-Probation Officer Mary Grace Vella kull erbgha xhur quddiem il-Qorti sabiex il-Qorti tkun infurmata bil-progess tieghu;
3. li l-imputat probationer Grezzju sive Horace Cassar ghandu jhallas l-massimu kumpens permess mill-ligi taht l-Probation of Offenders Act u cioe s-somma ta' hames mitt lira maltin lil Irene Pattison u Goddin Heather;
4. li l-imputat probationer Grezzju sive Horace Cassar jaghmel xoghol fil-kommunita bla hlas u cioe ghal Fondazzjoni Eden (li minn naha taghha lesta li taccettah kif jirrizulta mid-dokument esibit fl-atti) wkoll ghal perjodu massimu permess mill-ligi ta' mitt siegha, liema hinijiet ta' xoghol ghandhom jigu ffissati bejn d-Direttur tal-istess fondazzjoni, il-Probation Officer u l-imputat probationer, sabiex l-impjieg regolari tal-imputat probationer ma jigix effettwat;
5. li l-Probation Officer Mary Grace Vella ghandha tibqa f'kuntatt kontinwu bejn l-imputat probationer u l-istess Fondazzjoni Eden tul il-programm tax-xoghol tieghu; u

6. li l-imputat probationer Grezzju sive Horace Cassar jaghti kampjun tal-urina tieghu ghat-test tad-droga kull meta jigi mistoqsi mill-Probation Officer u f'kaz ta' rizultat posittiv, il-Qorti tesigi li tkun infurmata minnufih.

**Il-Qorti fissret l-import ta' din s-sentenza lil imputat li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikat lil Probation Officer Mary Grace Vella.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

Illum, 7 ta' Awissu, 2002